# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 3 3 3

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3031/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Glenn Spiteri, Terry Debono, Christopher Attard, Michael Woods u Peter Paul Calleja**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**dwar allegazjoni ta' trattament diskriminatorju u ta' lezjoni tal-principju ta' xoghol ta' valur ugwali fil-konfront tar-rikorrenti.**

Illum 9 ta' Dicembru 2014

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali tramite l-avukat Dr Robert Abela b'rikors imressaq mill-hames rikorrenti u pprezentat fir-Registru fid-19 ta' Gunju 2012.

**Dikjarazzjonijiet**

Ir-Rikorrenti ressqu l-ilment taghhom fis-sens li huma ikoll jahdmu bhala Plant Operators (Tank Area) fil-Power Generation Unit tal-Korporazzjoni Enemalta, fil-Power Station tal-Marsa; huma ghandhom termini ta' hlasijiet jew kondizzjonjiet ta' impieg li huma anqas favorevoli minn dawk ta' persuni ohra impjegati mal-Korporazzjoni Enemalta li jaghmlu xoghol identiku bhal dak li jitwettaq mir-rikorrenti, u jahdmu wkoll fl-istess lok fil-Power Station

tal-Marsa li jahdmu fih ir-rikorrenti, u li ghandhom ukoll l-istess responsabbilitajiet bhal dawk li ghandhom ir-rikorrenti, u l-unika distinzjoni bejnhom u dawn it-terzi hi biss in-nomenklatura tal-kariga li jokkupaw; jghidu li dan l-istat ta' fatt iwassal ghal ksur tal-artikoli 26 u 27 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jwassal ghal trattament diskriminatorju u jilledi wkoll il-principju ta' xoghol ta' valur ugwali. Jghidu li dan l-istat ta' fatt ilu jipperdura ghal zmien twil, u r-Rikorretni sofrew danni minhabba l-agir tal-Korporazzjoni intimata, u li minkejja li l-Korporazzjoni giet interpellata sabiex tirrimedja ghal dan il-ksur tal-ligi, baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha tinbeda din il-procedura.
Ghalhekk ir-Rikorrenti talbu li l-korporazzjoni intimata tinstab hatja ta' trattament diskriminatorju u ta' lezjoni tal-principju ta' xoghol ta' valur ugwali fil-konfront tar-rikorrenti, li jigi likwidat kumpens ossia d-danni u t-telf sofferti mir-rikorrenti minhabba l-agir tal-Korporazzjoni intimata, u li l-Korporazzjoni tigi ordnata thallas tali danni u telf.

Il-kumpanija intimata ressqet Risposta tramite l-avukat Dottor Andrew Borg-Cardona fejn inghad li l-asserzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux il-kaz illi r-Rikorrenti qeghdin jaghmlu xoghol tal-istess valur b'dan illi l-intimati mhux qeghdin jagixxu b'xi mod diskriminatorju jew b'mod iehor kontra l-provvedimenti tal-Kap 452. Tghid li dan hu kaz mibni fuq fatti.

**<u>Preliminari</u>**

It-Tribunal gie infurmat li fl-istadju ta' meta infetah dan il-kaz diga' ma kienx hemm possibilita` ta' ftehim bonarju. Ghall-iskopijiet ta’ Artikolu 78 ta’ Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba diversi ragunijiet fosthom li l-kaz ghadda minn taht idejn Chairmen tat-Tribunal Industrijali ghall-iehor darbtejn.

**Il-Provi migjuba**

Ir-Rikorent Glenn Spiteri xhed li kien ilu 21 sena jahdem mal-Enemalta bhala Steam-Plant Operator, u llum jissejjah Plant Operator, fejn jiehu hsieb it-temperaturi taz-zejt, jaghmel transfers minn tank ghall-iehor u jissupplixxi l-boilers biz-zejt – dejjem il-Marsa. Jghid li r-rikorrenti l-ohra huma bhalu ezatt, imma imbaghad hemm tnejn ohra li jissejhu Senior Plant Operators li ukoll jaghmlu xoghol ezatt bhalu minghajr differenza ta' xejn, hlief fil-paga. Jghid li wiehed ha din il-kariga 16 –il sena ilu u l-iehor 6 snin ilu. Dawn it-tnejn qeghdin zewg skali oghola u jiehdu €213 izjed kull erba' gimghat. Jghid li kien ilu jilmenta dwar dan u l-korporazzjoni ippromettitilhom li taghmlilhom kors u wara jibda jkollhom l-istess paga bhal tas-Senior Plant Operators, pero` dan qatt ma sar. Jghid li ressqu l-ilment mas-CEO Tony Bonello li ma kienx jaf b'din l-anomalija, u ghalhekk ivverifika dan mac-Chief Engineer Edwin Gauci u imbaghad qalilhom li kellhom ragun, izda qalilhom ukoll li jekk jaghti z-zieda lilhom ikollu jtiha lil kulhadd. F'kull shift ikun hemm zewg operaturi, u gieli wiehed, u ma taghmel ebda distinzjoni jekk ikunx hemm senior plant operator prezenti jew le. Jghid li xi 5 snin qabel xehed ghamlu l-ezami tas-Senior Plant Operators u ghaddew, pero` wara xorta qalulhom li mhemmx postijiet vakanti ghal Senior Plant Operators. Jghid li l-ezami kien dwar ix-xoghol li huma diga' qed jaghmlu. Jghid li xi sentejn qabel xehed (Frar 2013) saret xi riforma fl-Enemalta u huma gew imwiegheda li ser jinghataw il-grad ta' Senior Plant Operators, u anke inghataw il-job-descriptions tal-Plant Operators u tas-Senior Plant Operators. Dan ix-xhud jghid li huma diga' jaghmlu kollox. Aktar tard rega' tela' jixhed biex jispecifika li huma l-Plant Operators kienu tenuti jgibu l-iSteam Licence, li fil-fatt gabu, biex jahdmu fuq boiler jew turbine, mentri xi Works Technical Officers (bhal Anthony Bugeja, Raymond Farrugia u Joe Axisa) ma kellhomx din il-licenzja. Jghid li kien hemm sejha ghal Senior Plant Operators f'Novembru 2002 u ghalkemm ir-rikorrenti applikaw, hadd ma inghata risposta ghal dan. Imbaghad f'xi l-2007 saru

ezamijiet ghal Senior Plant Operators u skond ir-rizultati tal-4 ta' Marzu 2008 r-rikorrenti kollha ghamluh u kollha ghaddew.

Tressaq l-iStation Manager tal-Power Station tal-Marsa, ic-Chief Engineer Edwin Gauci li spjega li t-tank tal-Marsa kien operat minn seba' minn nies: hamsa jissejhu Plant Operators u tnejn ghandhom grad ta' Technical Officers li hu simili ghal Senior Plant Operators. Jghid li ghalkemm jinsabu fi grad oghola u ghandhom salarju oghola, ix-xoghol ta' dawn it-tnejn huwa ezatt bhall tal-hamsa l-ohra. Pero` imbaghad jghid li s-Senior Plant Operators ghandhom xi ftit duties aktar u huma responsabbli ghat-team tal-Plant Operators. Meta mistoqsi jispecifika kif tissarraf din ir-responsabbilta` oghola fil-prattika, u liema huma d-duties li jaghmlu izjed dawn is-Senior Plant Operators, dan ix-xhud ma kellux risposta. Finalment jispjega li t-tank m'ghandux bzonn Senior Plant Operators imma dawn iz-zewg technical officers kienu fi grad oghola meta fid-disghinijiet il-power station qalbet mill-faham ghaz-zejt, u flok twaqqfu mix-xoghol bhala redundant tpoggew mal-Plant Operators li huma fi grad inqas. Pero` huma zammew il-paga li kellhom. Dan ix-xhud jikkonferma li xi snin qabel saru ezamijiet ghal Senior Plant Operators fejn allura l-operaturi jkunu kapaci jahdmu fuq inizjattiva taghhom minghajr supervizjoni, pero` fl-istess hin rega' insista` li ma kienx hemm htiega ta' Senior Plant Operators.

Qabel xehed ix-xhud li gej, ir-rikorrent ddikjaraw li inghataw il-grad ta' Senior Plant Operators b'effett mill-4 ta' Marzu 2013, u ghalhekk il-lanjanza taghhom f'dan il-kaz kellha tirreferi ghaz-zmien ta' qabel dik id-data. Pero` fil-kaz ta' Michael Woods dan kien inghata l-grad ta' store-keeper minhabba ragunijiet medici b'effett mis-6 ta' Frar 2013. Il-lanjanza ta' dan ir-rikorrent tirreferi ghaz-zmien ta' qabel is-6 ta' Frar 2013.

Gie prodott Eric Montfort, principal fl-ufficju legali tal-Enemalta li gabar l-informazzjoni mitluba mir-rikorrenti, u spjega kif fl-1 ta' Jannar 2011 kien hemm promozzjonijiet ghal Plant Operators u Senior Plant Operators, mentri fl-1 ta' Jannar 2012 kien hemm evalwazzjoni tax-xogholijiet, kif kien hemm ukoll

fl-1 ta' Jannar 2013. Wara li ghamel diversi verifiki, dan ix-xhud ipprezenta ghadd ta' dokumenti, izda rrizultalu li ma kienx hemm records ta' premiums ta' qabel l-2003. Ghalhekk il-hlasijiet ippercepiti mill-haddiema qabel l-2003 gew ikkalkolati b'mod approssimativ fuq dak li fil-fatt qalghu bejn l-2003 u l-2013.

Xhed il-Generation Officer Anthony Axiaq, li ilu mill-1996 responsabbli mit-Tank Area u areas ohra tal-Power Station tal-Marsa: huwa ikkonferma li fil-generation tank area il-Plant Operators u s-Senior Plant Operators jaghmlu l-istess xoghol ezatt. Jghid li bejn l-1994 u l-1996 saret riforma fejn Works Technical Officers gew hemmhekk bhala Senior Plant Operators. Jghid li fl-4 ta' Marzu 2013 wiehed mill-Plant Operators telaq u l-kumplament tal-Plant Operators saru Seniors. Huma baqghu jaghmlu l-istess xoghol ezatt bhal qabel. Anzi jghid li x-xoghol fit-tank baqa' dejjem l-istess, pero` kien hemm okkazjonijiet fejn Works Technical Officers, li huma fi grad oghola, ingiebu hemm jaghmlu l-istess xoghol tal-Plant Operators, pero` baqghu jithallsu tal-grad oghla li kellhom qabel.

Il-Korporazzjoni intimata ressqet lil Joe Mangion li jahdem bhala Human Resources Coordinator mal-korporazzjoni intimata. Dan jispjega kif fl-1995 il-power station tal-Marsa waqfet tahdem bil-faham u n-nies li kienu jahdmu fuq il-parti tal-faham bdew jitqassmu f'sezzjonijiet ohrajn, u dan bi ftehim mal-Union, il-General Workers Union, liema ftehim gie esebit bhala Dokument JM1. Il-Works Technical Officers Anthony Bugeja u Raymond Farrugia gew trasferiti ghal gol- Plant Operation, fejn ix-xoghol huwa ta' grad inqas, imma zammew il-grad u l-paga li kellhom. Jekk dak il-grad kien jintitolahom ghal certi *increments* kull sena, huma baqghu jiehdu dawk l-increments ukoll, apparti z-zidiet tal-gholi tal-hajja. Pero` fil-kaz tas-Senior Plant Operators dawn tant kienu ilhom fl-impieg li sa ma gew trasferiti kienu diga' hadu l-*increments* kollha. Jghid li originarjament kien hemm il-hsieb li l-Operators jinhatru Seniors malli jispicca xi hadd mis-seniors ezistenti, izda fl-2013 gie deciz li dawn isiru kollha seniors.

**Konsiderazzjonijiet**

Dan huwa kaz fejn bazikament ir-rikorrenti qed jghidu li huma ilhom snin twal jaghmlu xoghol ta' Senior Plant Operators izda jithallsu ta' Plant Operators biss, mentri l-korporazzjoni intimata ssostni li l-grad ta' Senior Plant Operators qatt ma kien hemm bzonnu izda inholoq biex ikunu jistghu jitqieghedu fih dawk il-Works Technical Officers (WTOs), li kienu kwalifikati ferm aktar, u li kienu ser jispiccaw redundant, izda inzammu fl-impieg bi ftehim bejn il-Korporazzjoni u l-General Workers Union.

Dan it-Tribunal jinnota li donnu l-ebda parti ma trid tara l-istampa kollha, li fil-verita` taghti ragun liz-zewg nahat izda b'mod limitat. Ir-rikorrenti u ohrajn kienu ilhom snin jahdmu fil-plant tal-*heavy-fuel oil* fuq bazi ta' shifts, fejn allura kulhadd jaf ix-xoghol kollu li hu mehtieg isir. Dment li kulhadd ikollu dik l-inizjattiva u l-hegga li jerfa' r-responsabbilta` ta' kull ma jista' jinqala', jidher li ma jkunx hemm htiega ta' zewg gradi differenti biex isir dan ix-xoghol. Ir-rapprezentanti tal-Enemalta jghidu li qatt ma kien hemm bzonn Senior Plant Operators u li dan il-grad inholoq biex jakkomoda lill-Works Technical Officers li kienu ser jispiccaw redundant; pero` mhux talli l-Enemalta stess hejjiet dokumenti biex jiddefinixxu l-job-descriptions ta' dawn iz-zewg gradi, (dokumenti GS1 u GS2), talli c-Chief Engineer Edwin Gauci ikkonferma li hemm lok ghal dawn iz-zewg gradi b'doveri u responsabbiltajiet differenti; fir-realta` llum kemm l-Operators u s-Seniors jaghmlu l-istess xoghol. Dan ifisser li dawn iz-zewg gradi ta' haddiema fil-prattika qed jaghmlu kollox, u allura dan jikkonforta l-pretensjoni tar-rikorrenti li huma ilhom jagixxu ta' Senior Plant Operators. Irrizulta li fl-2013 dan il-grad inghatalhom formalment, pero` baqghu jaghmlu l-istess xoghol preciz.

Ghalhekk mhemmx dubju li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26 tal-Kap 452, la s-Senior Plant Operators u l-Plant Operators kienu qed jaghmlu xoghol ta' valur ugwali, kien jimmerita li dawn ikollhom hlas indaqs. Pero` jehtieg li jigi stabbilit minn meta dawn setghu jitqiesu bhala indaqs.

Ir-rikorrenti talbu dettalji li jmorru lura sal-1995 meta l-Power Station tal-Marsa ma kinitx ser tibqa' tahdem bil-faham, fejn allura sar dak ic-caqlieq ta' haddiema wara negozjati bejn l-Enemalta u l-General Workers Union. Id-Dokument JM-l esebit mill-Human Resources Coordinator Joe Mangion huwa msejjah FTEHIM BEJN IL-KORPORAZZJONI ENEMALTA U GENERAL WORKERS UNION DWAR IL-HADDIEMA LI JAHDMU FIT-TAQSIMA TAL-FAHAM, u ghalkemm id-dokument esebit mhux iffirmat, xorta ghandu valur probattiv dwar xiex qablu l-partijiet, iktar u iktar meta fit-tieni paragrafu dan jghid "*Bi ftehim bejn iz-zewg partijiet...* ". Fost affarijiet ohra dan il-ftehim jghid: "**c)** *Jekk xi haddiem jiehu kariga fi grad inqas minn dak li ghandu prezenti dan ikompli igawdi s-salarju tieghu fuq bazi personali.*"

L-abbli avukat tar-rikorrenti, ghalkemm ma jikkontestax il-genwinita` tal-ftehim imsemmi, jikkontendi li din il-klawsola "**C)**" ta' dan il-ftehim hija nulla in kwantu hekk huwa indikat bl-Artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaziiet ta' diskriminazzjoni mhux gustifikata b'xi ligi. Pero`, ghalkemm mhux kompitu ta' dan it-Tribunal li jiddetermina l-klawsola imsemmija hijiex nulla jew le, xorta dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' din il-pozizzjoni in kwantu dawk li zewg haddiema li bdew jissejhu Senior Plant Operators fil-fatt kienu fi klassi ghalihom ta' Works Technical Officer, bi kwalifici oghola minn ta' dawk li kienu Plant Operators. Ghalhekk l-imsemmi ftehim tal-1995 kien qed ihalli l-haddiema fil-klassi li kienu fiha qabel u jzommilhom is-salarju differenti li kellhom. Dan ghalhekk iwassalna ghall-punt li f'dak l-istadju tal-1995, il-Works Technical Officers in kwistjoni kienu aktar kwalifikati mill-Plant Operators, u kien jimmeritahom jithallsu izjed. Pero` gara li l-Plant Operators tghallmu maz-zmien ix-xoghol tas-Senior Plant Operators, u spiccaw jaghmluh huma wkoll. Pero` minhabba li l-WTOs hadu dak il-grad huma, l-Operators gew imcahhda milli jiehdu l-promozzjoni.

Jidher li l-htiega ta' "Seniors" inhasset fl-2002 meta b'Cirkolari Numru 66/2002 harget sejha ghall-mili ta' post ta' Senior Operatior (Fuel Tank Area) kif juri d-

dokument GS-4, pero` skond il-provi migjuba kien biss fl-2007 li saru l-ezamijiet ghal Senior Plant Operators. Ic-Cirkolari Numru HR30/08 tal- 4 ta' Marzu 2008 - dokument GS-5, tirreferi ghal ezamijiet li saru qabel u li r-rizultat taghhom gie ppubblikat bic-Cirkolari Numru 38/2007. Ic-Cirkolari tal-4 ta' Marzu 2008 tghid li dawk li kkwalifikaw fl-2007 kienu qed jizdiedu ma' dawk li applikaw taht ic-Cirkolari 27/2008, inkluzi l-hames rikorenti. Dan ifisser li l-hames rikorrenti ma applikawx meta saru l-ezamijiet fl-2007, izda applikaw fl-2008. Meta xhed fl-2013, Glenn Spiteri ukoll jghid li r-rikorrenti kienu ghamlu l-ezami tas-Senior Plant Operators xi 5 snin qabel, u li kollha ghaddew. Dan it-Tribunal ihoss li kien hawnhekk li r-rikorrenti beda jimmeritahom li jithallsu ta' Senior Plant Operators, haga li ma inghatatilhomx fil-waqt li haddiema ohrajn kellhom il-grad u kienu qed jithallsu aktar. Ghalhekk dan it-Tribunal ihoss li jkun gust u xieraq li r-rikorrenti jinghataw kumpens li jkun jekwivali dak li tilfu mill-bidu tal-2008 ' il quddiem, ezattament sa' Marzu 2013. Dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax kif l-Enemalta kompliet tiggrava l-ingustizzja fl-2011 fejn bir-riforma tal-promozzjonijiet regghet gholliet liz-zewg Senior Plant Officers minn Skala 12 ghal Skala 10, u fl-2013 fejn bil-Generation Agreement tellghethom Skala 9. Dan it-tlugh fl-iskali assolutament ma kienx gustifikat qabel ma' z-zewg gruppi ta' haddiema isiru grad wiehed u jibdew jithallsu l-istess.

Skond l-istatistika prodotta, kull rikorrent jigi li hdejn dawk li qabel kienu WTOs, tilef €1,234.57 fl-2008, €1,413.93 fl-2009, €1,504.78 fl-2010, €2,031.21 fl-2011, €2,180.30 fl-2012, u €378.56[1] sal-4 ta' Marzu 2013 meta allura waqfet il-pretensjoni tar-rikorrenti. Dawn igibu total ta' €8,743.35, izda fil-kaz ta' Michael Woods, li l-pretensjoni tieghu tasal sa erba' gimghat qabel, ghandu total ta' €8,571.27.

Bejn l-2008 u t-3 ta' Marzu 2013 Glenn Spiteri tilef fi Premium Allowances l-ammont ta' €5,547.63.

[1] Dokument EM1 mahdum mill-Payroll Officer John Leonard jidher li bi zball indika li bejn l-ewwel tas-sena 2013 u l-4 ta' Marzu kien hemm 170 jum, flok 44, u ghalhekk din il-parti qed jahdimha t-Tribunal fuq l-informazzjoni provduta.

Bejn l-2008 u t-3 ta' Marzu 2013 Terry Debono tilef fi Premium Allowances l-ammont ta' €5,110.14.

Bejn l-2008 u t-3 ta' Marzu 2013 Christopher Attard tilef fi Premium Allowances l-ammont ta' €5,110.85.

Bejn l-2008 u l-5 ta' Awwissu 2012 Michael Woods tilef fi Premium Allowances l-ammont ta' €4,825.63.

Bejn l-2008 u t-3 ta' Marzu 2013 Peter Paul Calleja tilef fi Premium Allowances l-ammont ta' €6,231.33.

Dan it-Tribunal ser jordna l-hlas tal-ammonti mhallsa nieqsa kif indikat hawn fuq, izda ma jhossx li ghandu jaghti kumpens ulterjuri in kwantu jhoss li l-Korporazzjoni intimata imxiet b'mod ħali jew generuz izzejjed maz-zewg Senior Plant Operators, li baqghet ittihom iz-zidiet minkejja li kienu qed jaghmlu xoghol inqas minn dak li kienu qed jithallsu tieghu; u biex issir gustizzja ma' min qed jahdem l-istess xoghol, qed tinghata d-differenza lir-rikorrenti. Minn hawn 'il quddiem sta ghall-Korporazzjoni biex tara li s-Senior Plant Operators jithallsu kollha l-istess.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li r-rikorrenti gew diskriminati fl-impieg taghhom mill-2008 sal-2013, liema diskriminazzjoni ma kinitx gustifikata fil-ligi. Ghal dan il-Korporazzjoni intimata ghandha tikkumpensa lir-rikorenti kif gej:-

**Glenn Spiteri ghandu jigi kkumpensat €14,290.98;**

**Terry Debono ghandu jigi kkumpensat €13,853.49;**

**Christopher Attard ghandu jigi kkumpensat €13,854.20;**

**Michael Woods ghandu jigi kkumpensat €13,396.90; u**

**Peter Paul Calleja ghandu jigi kkumpensat €14,974.68**.

Il-Korporazzjoni intimata qed tigi ordnata thallas lir-rikorrenti dawn l-ammonti likwidati sa zmien hamsin jum mill-lum, kif ukoll li tizgura li Glenn Spiteri, Terry Debono, Christopher Attard u Peter Paul Calleja jkollhom l-istess

kundizzjonijiet tax-xoghol bhal Anthony Bugeja u Raymond Farrugia, jekk dawn ghadhom jahdmu bhala Senior Plant Operators fl-istess post.

Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ disghin Euro (€90.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
Dr Leslie Cuschieri
Chairman

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**